# IL-GHANJA TA' L-GHASAFAR

*Għannu, għasafar sbieħ, kull għanja ħelwa*
*li tfur minn qalbkom u mar-riħ tixtered*
*minn bejn il-friegħi qalb il-ġonna mwarrda*
*b'ilħna ta' mħabba!*

*La tibżgħux minna, mit-taħbit u l-ħsejjes*
*li jaslu ħdejkom; mill-għajjat li jtarrax,*
*mill-ġlied u mit-twerżiq li donnu jwaħħax*
*il-beraħ tagħkom.*

*Aħna ma nafu xejn bil-ġmiel u l-ħlewwa*
*tal-għana tagħkom. Ma nafux bil-ħemda*
*li ssaħħar il-għoljiet li jisimgħukom*
*tgħannu ferħana,*

*Għax aħna mitlufin fil-ġlied, fil-għira*
*u fiċ-ċekċik tal-flus li jdoqqu isbaħ,*
*fil-widnejn tagħna, mit-tisfir u l-għana*
*ħelu ta' fommkom.*

*Għannu, għasafar sbieħ! U waqt li tgħannu,*
*araw xi ġmiel madwarkom, qalb il-ħdura;*
*ħalltu leħenkom maċ-ċarċir ta' l-ilma*
*f'widien għannejja.*

*Tiġux fuq djarna fejn il-għana sbejjaħ*
*ta' qlubkom hienja fid-damdim jintilef*
*u l-ħsejjes tagħna. Iġġerrew fejn tridu*
*qalb raba' u ġonna,*

*fis-sema beraħ mnejn taraw l-agħdajjar —*
*mirja ta' ġmiel u seħer tan-Natura,*
*u fejn, xħin tilmħu x-xbieha tagħkom fl-ilma,*
*tinżlu tixorbu.*

*Nixtieqni bħalkom! Għax jien ngħix bil-għana*
*li jfur minn qalbi wkoll xħin nisma' lilkom*
*tgħannu bil-ferħ, u xħin jixegħlu f'moħħi*
*lwien is-sbuħija.*

*Ħuduni magħkom! Jien inħobbu l-beraħ*
*tas-sema sbejjaħ b'xi sħabiet ġerrejja*
*bħall-ġwienaħ tagħkom ħfief, u nħobb mill-għoli*
*nar'hom ix-xmajjar.*

*Tajruni fuq l-għoljiet, għasafar ħelwa!*
*ħuduni 'l bogħod minn hawn, ħuduni magħkom*
*fejn ma n'ismax għajjat u biss nitgħaxxaq*
*bil-għana tagħkom!*

DUN FRANS CAMILLERI.